11 ta' Ġunju, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Suor Maria Cherubina fis-seklu Cristina Tabone

*versus*

Suor Maria Giorgina di Cristo Re fis-seklu Giuseppa Martin

**Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ — Sorijiet.**

*Ir-regola li l-miżżewġin għandhom bżonn ta' l-abilitazzjoni mill-Qorti kompetenti, qabel iż-żwieġ, biex jistgħu jikkonkorru għall-konsegwiment ta' legat fl-ewwel rakanza li jkun hemm wara ż-żwieġ, mhix applikabili għal każ ta' legat imħolli għax-xebbiet li jkunu jridu jsiru sorijiet. U għalhekk is-sorijiet jistgħu jikkonkorru għal-legat anki mingħajr ma jkunu ottenew dik l-abilitazzjoni*

*Imma dina l-eċċenzjoni tiswa għall-ewwel rakanza biss, b'mod illi dawk li jkunu ġa saru sorijiet ma jistgħux jikkonkorru għall-legat wara l-ewwel rakanza; ammenokkè ma jkunux ġew ammessi bħala sorijiet bil-kondizzjoni li jkunu jistgħu jikkonkorru anki wara l-ewwel rakanza.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi quddiem din il-Qorti fejn ippremettiet illi d-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ, b'sentenza mogħtija fit-22 ta' Diċembru 1947, eleġġiet għall-konsegwiment tal-legat fondat mill-Kanoniku Teżorier Giuseppe Caruana lill-konvenuta fuq il-kumulu miġbur sal-5 ta' Mejju 1947; u billi l-attriċi għandha rekwiżiti akbar minn dawk tal-konvenuta għall-konsegwiment ta' dan il-legat, billi hija konsangwinea iżjed viċina mal-fondatur, għalhekk talbet illi (1) is-sentenza fuq imsemmija mogħtija mid-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ fit-22 ta' Diċembru 1947 tiġi revokata minn din il-Qorti, billi l-attriċi għandha rekwiżiti superjuri għal dawk tal-konvenuta għall-konsegwiment tal-legat fuq imsemmi, u konsegwentement il-konvenuta għandha tiġi dikjarata dekaduta mill-pregradwazzjoni fuq imsemmija; (2) l-attriċi bħala l-iżjed waħda viċina tal-fundatur fost il-konkorrenti kollha għall-konsegwiment tal-legat fuq imsemmi tiġi

pregradwata u eletta għall-konsegwiment ta' dan il-legat; blispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat id-deċiżjoni mogħtija mid-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ tat-22 ta' Diċembru 1947, fejn eleġġiet għall-konsegwiment tal-legat lill-konvenuta, wara li rriteniet li l-attriċi hija soru li kienet diġà debret darb'oħra mingħajr suċċess għall-konsegwiment ta' l-istess legat meta kienet diġà soru;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni qiegħda kollha fuq il-pretensjoni ta' l-attriċi illi hija, għalkemm soru professa, u għalkemm debret darb'oħra għall-konsegwiment ta' dan il-legat meta kienet diġà soru, ma għandha l-ebda impediment biex tiġi eletta. Il-fondazzjoni in kwistjoni tgħid illi bil-kapital li jiġi akkumulat "si dotasse una zitella che volesse fare professione religiosa in uno dei monasteri della diocesi di Malta". Minn dawn il-kliem tidher ċara l-intenzjoni tal-fundatur li jrid li l-għażla taqa' fuq xebba li tkun trid issir soru, u għalhekk huwa ried igħin dawk ix-xebbiet li jkunu konsangwinei tiegħu;

Tikkunsidra;

Illi din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Lulju 1942, in re "Suor Maria Giorgina fis-seklu Giuseppa Martin vs. Suor Filippa Ebejer", f'konkors ta' l-istess fondazzjoni, irriteniet illi mentri l-miżżewġin għandhom bżonn, qabel iż-żwieġ, ta' l-abilitazzjoni mill-Qorti kompetenti biex, għalkemm ikunu miżżewġin, ikunu jistgħu jikkonkorru għal legati fl-ewwel vakanza biss li jkun hemm wara ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, iżda dik l-abilitazzjoni ma hix neċessarja għal dawk ix-xebbiet li jkunu jridu jsiru sorijiet, u dan skond konswetudini li kienet ġiet pruvata; u għalhekk din il-Qorti kienet hekk irriteniet :— "Għal kuntrarju, ġie pruvat illi hemm konswetudini illi dina l-aħħar klassi (ta' sorijiet) dejjem ġiet gradwata, għalkemm tkun għamlet il-professjoni monastika tagħha u ma kellhiex dik l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti". Kompliet tgħid din il-Qorti f'dik is-sentenza :— "Ċertament dan għandu jkun konkatenat ma' l-ispirtu tal-fondazzjoni, illi ċjoè hija mogħtija biex tavvantaġġja dawk ix-xebbiet illi jridu

jsiru sorijiet; u għalhekk meta waħda, għalkemm daħlet fl-ordni monastiku, ma kellhiex id-dotazzjoni meħtieġa biex is-sir soru u ġiet ammessa fl-Ordni in vista tal-probabilità li hija jkollha d-dotazzjoni ta' legat ta' maritaġġ, l-intenzjoni tal-fondatur hija ottemperata, għaliex dik ix-xebba tkun ġiet ammessa, għalkemm bla dota, minħabba l-probabilità li tieħu dak il-legat ta' maritaġġ li huwa mogħti għal dak il-fini";

Tikkunsidra;

Illi, kif intqal iżjed 'il fuq, dan il-legat huwa mogħti lix-xebbiet biex jidħlu sorijiet; u għalhekk id-Deputazzjoni kkunsidrat illi xebba li tkun saret soru tkun tista' fl-ewwel vakanza tikkonkorri, iżda mhux wara l-ewwel vakanza, jekk dik ma tippruvax illi hija ġiet ammessa taħt dik il-kondizzjoni, kif kien il-każ kontemplat fis-sentenza fuq imsemmija. Fil-każ preżenti l-attriċi qiegħda tikkonkorri għal dan il-legat mhux fl-ewwel vakanza, kif inhi l-konvenuta, u ma ppruvatx illi hija daħlet soru taħt dik il-kondizzjoni tad-dotazzjoni per mezz ta' legat ta' soriijet;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attriċi u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; bl-ispejjeż relativi kontra l-attriċi appellanti.